MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta tad-9 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 1094/2002/1

**GasanMamo Insurance Agency Limited u din ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' estera CGU Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Ian Camilleri**

**vs**

**Paul Zammit**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-24 ta' April, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta' erba' mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm423.78) rappresentanti danni li sofriet is-socjeta attrici nomine meta l-konvenut waqt li kien qed isuq il-vettura bin-numru KCY 891 fis-16 ta' Jannar 2001 gewwa il-Furjana habat mal-vettura numru KAD 713 proprjeta ta'

Ian Camilleri u ikkaguna danni fl-istess vettura, ghal liema incident stradali huwa unikament responsabbli l-konvenut stante li s-sewqan tieghu kien wiehed negligenti u traskurat.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta'l-ittra legali datata 27 ta' Settembru 2001 u tal-parir (Lm15), kif ukoll ta'l-ittra ufficjali ohra ippresentata kontestwalment ma'l-avviz kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut.

Ra r-risposta tal-konvenut ipprezentata fis-27 ta' Mejju 2002 fejn huwa eccepixxa:
1. Illi huwa m'huwiex qed jikkontesta r-responsabbilta' ta'l-incident stradali mertu tal-kawza.
2. Illi madanakollu huwa qed jikkontesta illi l-ammont pretiz mis-socjeta attrici, hekk kif surrogata huwa eccessiv u fi kwalunkwe kaz mhux kollu dovut kif sejjer jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema x-xhieda ta' John Callus is-*surveyor* li ghamel is-*survey report* fuq il-vettura ta'l-assikurat tas-socjeta attrici, kif ukoll tal-konvenut u ta' Anthony Grima.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti u senjatament kopja tar-ricevuti tal-hsarat ikkagunati fuq il-vettura u tas-*survey report* ta'l-assikurat tas-socjeta attrici a fol. 22 sa 32 ta'l-atti processwali, kif ukoll ir-ritratti tal-vettura ta' Ian Camilleri esebiti a fol.44 u 45 tal-process.

Ikkunsidra

Illi ir-responsabbilta ghall-incident stradali mertu ta' din il-kawza ma huwiex qieghed jigi ikkontestat mill-konvenut u dana skond kif jirrizulta mill-ewwel eccezzjoni sollevata minnu fir-risposta tieghu. Jidher madanakollu illi ma hemmx qbil dwar il-*quantum* tad-danni, u ix-xhieda prodotti f'din l-istanza kienu limitati ghal din il-kwistjoni. Jirrizulta illi l-hsarat subiti fil-vettura ta' Camilleri kienu fuq il-parti ta' wara taghha u dana anke kif jidher indikat fuq l-

iskizz tal-habta imhejji mis-surgent 1417 li jinsab esebit a fol.41 tal-process.

Illi l-uniku xhud prodott mis-socjeta attrici nomine, kien is-*surveyor* John Callus illi ezegwixxa *survey* fuq il-vettura ta' Ian Camilleri u anke ha ir-ritratti tal-hsarat relattivi ghal dan l-incident stradali. Jirrizulta mix-xhieda tieghu illi huwa jaqbel illi t-tiswijiet li gew esegwiti fuq din il-vettura u dana skond kif jirrizulta mir-ricevuti esebieti a fol.22 sa 32. ta'l-atti processwali huma kompatibbli mat-tip ta' daqqa li hadet il-vettura ta' Camilleri f'dan l-incident stradali u ghalhekk jikkontendi illi l-ammont reklamat huwa wiehed ragjonevoli u jikkombaca mal-hsara sofferta.

Illi ghalkemm id-daqqa lli issubiet il-vettura ta' Camilleri ma jidhirx li kienet xi wahda sostanzjali, madanakollu kif jidher mix-xhieda tas-*surveyor* Callus, b'konsegwenza ta'l-istess kellhom jinbiddlu xi parts ohra li intlaqtu ukoll, jew li ma setghux jigu imsewwija. Jidher illi l-konvenut qieghed jikkontesta il-*quantum* tad-danni peress illi l-hsara kienet tikkonsisti f'ghafsa zghira fuq in-naha ta' wara tal-vettura fuq in-naha tax-xellug. Huwa jikkontendi ghalhekk illi l-fanali tan-naha tal-lemin ma kellhomx jinbiddlu u li hu ma kienx responsabbli ghal girfa li kien hemm fuq in-*number plate*. Inoltre kemm il-konvenut kif ukoll ix-xhud Anthony Grima, sid ix-xarabank misjuqa mill-konvenut, jikkontendu illi kien hemm zebgha kulur kanella fuq in-naha ta' wara tal-vettura ta' Camilleri li ghaliha l-konvenut ma kienx responsabbli stante illi l-kulur tal-*bumper* tax-xarabank huwa griz. Jikkontendu ukoll illi l-*bumper* tax-xarabank huwa ghola mill-*bumper* tal-vettura misjuqa minn Camilleri. Ghalhekk qeghdin jimplikaw illi kien hemm hsarat ohra fil-vettura li ma gewx ikkagunati f'din il-kollizzjoni. Ghandu jinghad madanakollu illi meta l-konvenut gie muri ir-ritratti tal-vettura li kien habat maghha, l-konvenut qabel fix-xhieda tieghu illi il-hsara li tidher f'dawn iz-zewg ritratti hija l-istess li kien hemm fil-vettura wara il-habta.

Illi dawn ir-ritratti gew ikkonfermati mis-surveyor Callus bhala rappresentanti id-danni illi huwa ikkonstata wara l-incident stradali mertu tal-kawza u li iqies bhala

kompatibbli mat-tip ta’ daqqa li sofriet il-vettura ta’ Camilleri f’dan l-incident. Min-naha tieghu l-konvenut ma irnexxielux iressaq provi konklussivi u sodisfacenti illi ir-rapport tas-*surveyor* seta’ jikkomprendi xi hsarat ohra mhux ikkagunati f’dan l-incident stradali.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, it-Tribunal, filwaqt li jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenut, jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici nomine s-somma ta’ erba’ mija u tlieta u ghoxrin lira Maltin u tmienja u sebghin centezmu (Lm423.78), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’l-ittra ufficjali ipprezentati kontestwalment ma’l-avviz, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------